**Kunsill Lokali Ħamrun**
**Triq id-Duka ta' Edinburgh**
**Ħamrun**
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

**KUNSILL LOKALI ĦAMRUN** **IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 14, il-Ħamis 14 ta' Jannar 2016**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ħamis, 15 ta' Diċembru 2015 fis-6.00 filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**<u>Preżenti</u> (Seba' Kunsilliera)**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Christian Sammut | Sindku |
| Is-Sur Vincent Bonello | Viċi Sindku |
| Is-Sur Antonello Cuschieri | Kunsillier |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Jurgen Carl Grixti | Kunsillier |
| Is-Sur Efrem Buttigieg | Kunsillier |

Il-Kunsillier Louise Portelli talbet li tkun skużata minħabba raġunijiet ta' xogħol.

**<u>Talba</u>**

Il-Kunsillier Carmen Borg qalet it-Talba.

## 02 Approvazzjoni tal-Minuti

Ġew iċċirkulati l-Minuti ta' Seduta Nru 13 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Minuti ġew approvati unanimament.**

## 03 Punti li joħorġu mill-Minuti

### *03/01 Ħsarat u Vandaliżmu fi Ġnien Anton Buttiġieġ*

Is-Sindku nfurma lill-membri dwar il-vandaliżmu fi Ġnien Anton Buttiġieġ, fejn qal li minkejja li m'għandnix informazzjoni mill-Pulizija iżda għandna informazzjoni li ġew identifikati xi tfal u kixfu lil dawn li għamlu l-ħsara. Hemm ħsarat fuq il-cameras u bħalissa qed taħdem waħda biss u qed nistennew l-istima tal-Cameras.

Is-Sindku nfurma li nqalgħet l-airwalker u tinsab magħluqa. Is-Sindku nfurma li daqt jaslu l-parts taz-zurzieqa u t-tapit, liema spejjeż relatati mat-tapit, tħallas minn min għamel il-ħsarat.

***03/02 Vetrina fi Triq il-Kbira San Ġużepp***

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ staqsa dwar il-vetrina ta' Triq il-Kbira San Ġużepp. Is-Segretarju Eżekuttiv infumrat li l-Pulizija baqgħu ma tawx risposta. Il-Kunsill qabel li hemm bżonn azzjoni mmedjata għaliex il-periklu qed ikompli jikber.

***03/03 Tender Street Lighting***

Is-Sindku nfurma lill-membri li kellna risposta mingħand is-Sur Michael Cohen, konsulent fis-Segretarjat għall-Gvern Lokali, fejn ikkonferma li l-Kunsill huwa marbut li joħroġ it-tender.

Il-Viċi Sindku saħaq li din hija issue li ilha għaddejja. Għaldaqstant il-Kunsill għandu jara liema huma l-aħjar offerti u jekk hux aħjar li l-Kunsill joħroġ sejħa għalih jew inkella ma' Kunsilli Lokali oħra.

***03/04 Lista Take Aways***

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ talab li jkollu l-lista ta' Take Aways fejn tqassmet l-ittra dwar Sponsor ta' Bins, sabiex ikun jista' jagħmel follow up.

***03/05 CCTV Cameras fi Triq il-Kbira San Ġużepp***

Is-Sindku, Christian Sammut, infurma lill-membri li s-CCTV Camera fi Triq il-Kbira San Ġużepp taqa' taħt il-konfini ta' Sta Venera. Dwar din il-kwistjoni s-Sindku se jkun qed jiddiskutiha fil-ġranet li ġejjin ma' LESA.

***03/06 Kors Għaqal fid-Dar***

Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat lill-membri li min-nhar it-Tnejn, 18 ta' Jannar 2016, se jibda l-Kors Għaqal fid-Dar u parti minnu se jkun propju First Aid.

***03/07 Lease of Car Park***

Is-Sindku ċċara l-punt li 2.5% profit se tkun fuq il-profitti u mhux ir-rata tal-Kirja.

Il-Kunsill aċċetta din il-klawsola.

***03/08 Pedestrian Zone – Triq Atocia***

Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Kunsill kellu laqgħa ma' LESA u Transport Malta dwar il-problema ta' parkeġġ illegali fi Triq Atocia. Is-Sindku spjega li din iz-zona qed tintuża minn ħafna trakkijiet u makkinarju goff ieħor u qed issir ħsara fuq il-pavimentar tal-pjazza ta' quddiem il-Knisja. Is-Sindku ssuġġerixxa li din il-pjazza tiżżejjen bi pjanti u xtieli oħra.

***03/09 Recording ta' Żewġ Diski dwar il-Ħamrun***

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma lill-membri li aktar kmieni matul il-ġimgħa, ltaqa' mas-Sur Joe Tanti tal-Greenfields u ddiskutew ir-recording taż-żewġ diski dwar il-Ħamrun, fejn fosthom il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ issuġġerixxa li t-tieni diska tissemma 'Dlonk Nikber'.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma lill-membri li d-diska 'Il-Ħamrun fejn Twelidt' se tingħata laqta moderna u qed jiġi propost li l-Launching tagħhom isir f'Marzu.

Is-Sindku,Christian Sammut ssekondata mill-Kunsillier Antonello Cuschieri ssuġġerew li l-Launching isir għal Jum il-Ħamrun.

***03/10 Party tat-Tfal u Anzjani fl-Okkażjoni tal-Festi tal-Milied***

Is-Sindku, Christian Sammut rringrazzja lill-kunsillier Carmen Borg tax-xogħol li għamlet fl-organizzar ta' dawn iż-żewġ attivitajiet. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ irringrazzja lill-Kunsillier Carmen Borg tal-professjonalita' li uriet f'dawn iż-żewġ attivitajiet.

**04 Tender Collection of Mixed Household Waste**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ir-Rapport Finali tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni tat-tender Collection of Mixed Household Waste (kopja tar-rapport annessa mal-Minuti), liema rapport ġie ffinalizzat mis-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Bord qed jirrakkomanda li t-tender tingħata lil Messrs Saviour Mifsud għaliex kemm bħala *Administrative & Technical Specifications* u kemm bħala *Financial Offer*, hija l-aktar offerta vantaġġjuża.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ ġibed l-attenzjoni tal-membri u qal li jinsab iddiżappuntat bis-servizz mhux komplut tal-Konsulent.

Il-Kunsill qabel unanimament li t-Tender Collection of Mixed Household Waste tingħata lil Messrs Saviour Mifsud għas-somma ta' € 74,670 għas-sena 2016 u €74,385 għas-sena 2017, 2018 u 2019 rispettivament.

Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kuntratt il-ġdid jidħol fis-seħħ mill-1 ta' Marzu 2016 sabiex ikun possibli li jinħarġu avviżi lir-residenti u jsir reklamar li l-ħin tal-ġbir se jinbidel għas-7.00 ta' filgħaxija.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**05 Stimi – Manutenzjoni ta' Bankini**

Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Kunsill għandu fond ta' € 7000 mingħand ir-Reġjun Nofsinhar sabiex issir manutenzjoni/xogħlijiet relatati għall-aktar aċċessibilita' għall-persuni b'diżabilita'.

Il-Kunsill s'issa nefaq is-somma ta' € 3,000 mill-ammont allokat, f'manutenzjoni ta' bankini, liema bankini ma kienux aċċessibli għal persuni b'diżabilita'. Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-membri Stimi ta' xogħlijiet għall-manutenzjoni tal-bankini li tammonta ghal madwar € 8000.
Is-Sindku pprezenta lista ta' toroq kif gej;

| | |
|---|---|
| Triq Dun Nerik Cordina Perez | € 1,460.20 |
| Triq Hal Qormi (bejn Triq Magri u Triq Dun Nerik) | € 1,521.63 |
| Triq Tommaso Caruana Demajo | € 1,460.20 |
| Triq Censu Borg | € 1,568.51 |
| Triq Fra Diegu | € 1,815.01 |
| Triq Santu Wistin | € 1,013.48 |

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri fakkar li fi Triq Kanonku Bonnici hemm bankini li garrbu hsarat meta sar it-tarmac.

Il-Kunsill approva x-xogħlijiet ta' manutenzjoni fit-toroq hawn imsemmija.

## 06 Performance Appraisal Reports

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-Performance Appraisal Reports tal-impjegati tal-Kunsill u fissret li matul l-ahhar sena sar progress mill-impjegati, biss jonqos li jsir sforz akbar minn kulhadd sabiex jissahhah it-teamwork bejn l-impjegati.

Is-Sindku fisser li jinsab sodisfatt bil-hidma tas-Segretarju Ezekuttiv izda jehtieg li tiddelega aktar xoghol lill-impjegati u ma titghabbix izzejjed.

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill japprova li l-impjegati jinghataw Performance Bonus kif gej;

| | |
|---|---|
| Karen Camilleri, Segretarju Ezekuttiv | 10% |
| Maronia Bonello, Executive Officer | 6% |
| Tiziana Bajada, Executive Officer | 6% |
| Fiorella Scicluna, Executive Officer | 6% |
| Abigail Calleja, Executive Officer | 6% |

Il-Kunsill approva li l-impjegati jinghataw full Performance Appraisal.

## 07 Karnival fil-Hamrun

Is-Sindku nfurma li l-Kunsill gie moghti l-ammont ta' €3000 mill-iskema Attivitajiet Kulturali sabiex tigi organizzata l-attivita' bit-tema Festa tal-Baned fil-Karnival. Is-Sindku nfurma lill-membri li ltaqa' mar-rapprezentanti tal-Kumitat Karnival Nazzjonali fi hdan il-Kunsill Malti ghall-Arti u Kultura u sar ftehim li l-Kunsill jaghmel tajjeb ghal xi spejjez li se tkun qed tinvolvi l-Parata (kopja tal-lista anness mal-Minuti). Dawn minbarra l-ispejjez relatati ma' logistika ta' gheluq ta' toroq.

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jaghti s-somma ta' € 1000 lil kull ghaqda muzikali hamruniza, sabiex ikun possibli li joffru s-servizz ta' 50 bandist kull socjeta' waqt din il-parata.

Fil-fatt is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-membri li l-Ghaqda tal-Muzika San Gejtanu kkonfermat il-partecipazzjoni tal-banda f'din il-Parata permezz ta' ittra datata 7 ta' Jannar 2016.

Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Ghaqda Muzikali Immakulata Kuncizzjoni kkonfermat il-partecipazzjoni tal-banda u se jibghatu ittra ufficcjali fil-granet li gejjin.

Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Ghaqda Muzikali San Guzepp ghandha tghaddi konferma sal-gimgha d-diehla.

Is-Sindku nfurmak lill-membri li l-Hamrun Scouts se jaghmlu l-parata u se jiehdu hsieb il-kompetizzjoni tal-Kostumi bil-ghajnuna tal-kunsillier Carmen Borg, filwaqt li quddiem Triq Dun Nerik Cordina Perez se jsir spazju ghal kant u zfin.

Il-Kunsillier Efrem Buttigieg infurma li tkellem mal-Greenfields fejn se jkunu qed jipprezentaw u jkantaw mid-9.00a.m. sas-1.00p.m. ghall-prezz ta' € 250.

Il-Kunsill approva dan il-hlas.

Il-Kunsill Efrem Buttigieg infurma wkoll li tkellem ma' tlett kumpaniji taz-zfin u s issa hemm tnejn konfermati.

Il-Kunsillier Carmen Borg ipproponiet li tinzamm kompetizzjoni tat-Tpingija tal-Karnival u Kompetizzjoni tal-Karrijiet Zghar ghat-tfal Hamrunizi.

Is-Sindku talab li l-membri kollha jaghtu daqqa t id f'din l-attivita'. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ha f idejh il-Marketing tal-attivita'.

Is-Sindku ssuggerixxa li jsir flyer u jitqassam fid-djar kollha. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ppropona li l-flyers jitqassmu fl-iskejjel ukoll.

Is-Sindku sahaq li l-Kunsill m'ghandux johrog permessi ghall-armar ta' posti sabiex tinghata spinta lill-hwienet tal-Hamrun. Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti ssekonda din il-proposta.

**08 Regolamenti Gieh il-Hamrun**

Is-Sindku pprezenta draft tar-Regolamenti mfassla mal-membri tal-ghaqdiet u qara dawn ir-regolamenti, kif ukol prezenta kopja tar-Regolamenti dwar il-Hatra ta' Kumitat Awtonominu dwar l-Ghazla.

Il-Kunsillier Efrem Buttigieg gibed l-attenzjoni li min jinnomina jista' ma jkunx jghix il-Hamrun, ghaliex hawn persuni li hargu mill-Hamrun u ghadhom ihobbu lill-Hamrun.

Is-Sindku fisser li dawn huma Draft u ghaldaqstant il-membri ghandhom jahsbu dwarhom u jitressqu suggerimenti sabiex jigu diskussi fil-Laqgha li jmiss.

**09 Gabbani – Festi fil-Hamrun**

Is-Sindku ppropona li jibdew diskussjonijiet sabiex isir caqliq tal-gabbani ma' dawk involuti saiex tigi identifikata zona/i godda.

**10 Korrispondenza**

**10/01 Recycling Waste Collection Proposals**

Recycling Waste Collection Proposals minn Greenpak Ltd u GreenMT. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jiltaqa' maz-zewg partijiet u jigu diskussi l-proposti taghhom.

**10/02 Approval - Request for Zebra Crossing in Triq Kappillan Mifsud**

Il-Kunsill Lokali ġie ippreżentat l-approvazzjoni minn Transport Malta sabiex issir l-installazzjoni ta' Belisha Light ġdida fi Triq Kappillan Mifsud. L-ispejjeż involuti għandhom jitħallsu kollha mill-Kunsill.

**10/03 Kontijiet Pendenti**

Il-Kunsill Lokali ġie nnotifikat minn Supreme Travel dwar pagamenti pendenti relatati ma Joe Bajada Memorial tournament li sar mill-Hamrun Spartans Youth Nursery bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Ħamrun. Il-Kunsill approva l-ħlas imsemmi.

**10/04 Ħamrun Scouts – Pagament fl-okkażjoni tal-Parata tal-Karnival 2015**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-irċevuti mressqa mill-Ħamrun Scouts ma jistgħux jiġu approvati. Għaldaqstant ġie maqbul li Ħamrun Scouts jipprovdu Invoice for Services oħra u wara jsir il-ħlas ta' € 250.00

## 11 Skeda ta' Ħlasijiet

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista għall-ħlasijiet li rċieva l-Kunsill (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-Kumplament tal-kontijiet.

## 12 Ħwejjeġ ta' Natura Urġenti

### *12/01 Kuntatti ma Modica u Perugia*

Is-Sindku nfurma lill-membri li dan l-aħħar iltaqa' mad-Diretturi tal-Kumpanija Elesole li għandhom kuntatti mal-Kunsill ta' Modica u tkellem mal-kunsillier Rita, fejn il-Kunsill ġie mistieden biex jitla' Modica għal diskussjonijiet dwar Ġemellaġġ.

Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti kkonferma dan kollu u nfurma lill-membri li qed jistenna laqgħa ma' MEUSAC sabiex ikollu gwida aħjar ta' xi proġetti hemm li l-Kunsill jista' japplika għalihom.

Is-Sindku nfurma wkoll li dawn id-Diretturi għandhom kuntatti anke ma' Perugia u tkun ħaġa sabiħa kieku l-Kunsill jibda relazzjonijiet ta' kuntatt mal-Kunsill ta' Perugia sabiex flimkien jiddiskutu l-involviment tagħhom fil-Festival taċ-Ċikkulata.

Il-Kunsill qabel li jsiru l-Kuntatti meħtieġa u wara tiġi evalwata kull possibilita' li jista' jkun hemm.

### *12/02 Ħamrija fil-konok ta' Pjazza San Pawl*

Is-Sindku, Christian Sammut ippreżenta stima ta' ħamrija sabiex jimtlew il-konok ta' Pjazza San Pawl, liema stima ġiet ipprovduta minn J&K Contractors u tammonta għal € 900.

Il-Viċi Sindku Vincent Bonello ġibed l-attenzjoni li kienet ingħatat stima anke minn Environmental Landscapes Consortium għal dan ix-xogħol.

Il-Kunsill qabel li jiġu evalwati ż-żewġ stimi u d-deċiżjoni tittieħed minn hemm.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa fhiex wasal il-proġett tal-gabbana, għaliex lanqas huwa sewwa li l-Kunsill jagħmel dan ix-xogħol imbagħad jinbeda l-proġett tal-gabbana u jerġa' jiġi rrovinat kollox bil-ħmieġ.

***12/03 Skips fi Triq is-Sewwieqa***

Il-Viċi Sindku Vincent Bonello ġibed l-attenzjoni tal-membri dwar l-iskips li hemm fi Triq is-Sewwieqa fejn aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qed ikun hemm miżbla. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li l-iskips jitqassmu f'postijiet oħra u mhux kollha fl-istess akwata.

***12/04 Informazzjoni Persunaġġi Ħamruniżi***

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma lill-membri li qed tinġabar informazzjoni dwar persunaġġi Ħamruniżi sabiex isir arkivju, għaliex huwa mportanti li nagħtu l-attenzjoni mistħoqqa.

***12/05 Problema tal-Ilma fi Triq Kanonku Bonnici***

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma lill-membri li avviċinaw xi residenti minn Triq Villambrosa k/m Triq Kanonku Bonnici fejn ilmentaw li qed jeqleb l-ilma lejhom.

***12/06 Inkonvenjent fi Triq Dun Nerik Cordina Perez***

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma lill-membri li fi Triq Dun Nerik Cordina Perez qed ikun hemm persuna li tiżgumbra l-bankina b'ħafna ħmieġ u mbarazz relatat ma xogħol ta' mechanic. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li dan l-ilment daħal kemm-il darba fl-uffiċċju tal-Kunsill u jiġi rrapurtat lill-Pulizija, iżda qatt ma nstab xejn.

***12/07 MC Bay fi Triq il-Kbira San Ġużepp***

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri reġa' fakkar li jeħtieġ li ssir MC Bay fi Triq il-Kbira San Ġużepp, bejn Triq Villambrosa u l-każin tal-Għaqda Mużikali San Gejtanu.

***12/08 Residenti Triq Lord Byron***

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri nfurma lill-membri li ġie avviċinat mir-residenti ta' Triq Lord Byron dwar it-talba tagħhom li t-triq issir One-Way. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri talab li l-Kunsill jiltaqa' mar-residenti u jispjega x'inhu jżomm milli l-Kunsill jimplimenta din it-talba.

***12/09 Mera fi Triq Brighella***

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri talab li tiġi nstallata mera fi Triq Brighella sabiex il-vetturi li jkunu ħerġin minn Triq Eldorado jaraw il-vetturi li jkun ġejjin minn Triq Barth eċċ.

***12/10 Mera fi Triq Ħal Qormi***

Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti talab li tiġi nstallata mera fi Triq Ħal Qormi sabiex il-vetturi li jkunu neżlin mir-rampa ta' Triq Atocia jaraw il-vetturi li jkunu ġejjin min-naħa tal-Marsa.

Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti nfurma lill-membri li qed ikun hemm abbuż kontinwu fejn vetturi qed jitilgħu One-Way mir-rampa ta' Triq Atocia.

Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti nfurma lill-membri li fi Triq Atocia hemm seringa ilha mormija fit-triq għal aktar minn 3 ġimgħat. Minkejja li saru rapporti lill-Pulizija din baqgħet ma nġabritx.

***12/11 Korsijiet u Attivitajiet oħra***

Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat lill-membri li ngħata bidu għall-Kors Għaqal fid-Dar, fejn il-Kunsill kellu rispons tajjeb ħafna mir-residenti. Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat li hi se tkun responsabbli mill-ftuħ u l-għeluq tas-sala.

Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat li bħal daż-żminijiet, issir ħarġa kulturali għar-residenti, iżda minħabba l-bosta attivitajiet u mpenji din l-attivita' se tiġi posposta.

**13 Aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fid-9.00p.m. u ġiet aġġornata għat-Tlieta 16 ta' Frar 2016.

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| Christian Sammut | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Approvati: 16 ta' Frar 2016
DATA